MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 125/2007

**Cranes and Commercial Sales Limited (C 5874) gia maghrufa bhala J Cassar Commercial Plant Sales Limited**

**vs**

**T.P. Bugeja Construction Works Limited (C 17921) gia maghrufa bhala Bugeja Construction Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn fih is-socjeta` rikorrenti ppremettiet illi:

B`sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciza fil-15 ta` Marzu, 1999, 490/99 GV, is-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` konvenuta, fl-ammont ta` elf, erba` mija u sitta u ghoxrin lira maltin u tnejn u

sittin centezmu (Lm1,426.62), oltre l-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Is-socjeta` konvenuta ma hallset xejn minn l-ammont minnha dovut.

Is-socjeta` esponenti tixtieq tezegwixxi s-sentenza fuq l-ammont lilha dovut nonostante li ghaddew il-hames snin mid-data tas-sentenza.

Ghaldaqstant s-socjeta` esponenti titlob bir-rispett illi din il-Qorti tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza a tenur ta` l-Artikolu 258 tal-Kap. 12.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, s-socjeta` intimata ma pprezentat ebda risposta.

Semghet ix-xhud prodott.

Ghaldaqstant, taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------